MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 6/2000/1

Is-socjeta' Olimpus Gozo Limited .

vs

L-avukat Dr. Chris Said u Joseph Micallef fil-kwalita' taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Gozo Football Association, u b'degriet tat-18 ta' April, 2002 Joseph Cordina gie nominat flok Dr. Chris Said bhala President, u Laurie Zammit Segretarju minflok Joseph Micallef; u b'degriet tal-15 ta' April, 2003 gie ordnat li l-atti ta' din il-kawza jghaddu direttament fuq il-Gozo Football Association minflok il-President u s-segretarju in rapprezentanza tal-imsemmija Assocjazzjoni .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti nomine jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati minn din il-Qorti li jhallsu lis-socjeta' attrici l-

pagament ta' erba' mija u wiehed u sittin liri maltin u disgha u tmenin centezmi (Lm461.89) dovuti lis-socjeta attrici in kwantu ghal tlett mija u sitta u erbghin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (LM346.89) bhala prezz ta' trofej, hwejjeg sportivi, u stationery li gew mixtrija mill-Assocjazzjoni u li baqghu ma gewx saldati minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet ghal hlas u minkejja li l-konvenuti ppromettew diversi drabi li ser jissalodaw dan il-pagament u in kwantu ghal mija u hmistax-il lira maltin (Lm115) tal-imghaxijiet mid-data tal-bejgh sal-lum.

bl-imghaxijiet ulterjuri mil-lum sal-hlas effettiv .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Jannar, 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin .

Rat il-verbal tal-konvenuti nomine tat-2 ta' mejju 2000 fejn opponew it-talba .

Rat il-verbal taghha tat-3 ta’ Frar 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza .

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tat-18 ta' April 2002 li biha rriduciet it-talba ghal mija u hamsa u hamsin lira maltija u hamsin centezmu (Lm155.50) stante pagament ta' tliet mija u sitt liri maltin u disa' u tletin centezmu (Lm306.39) fil-mori tal-kawza ..

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob minghand l-assocjazzjoni konvenuta l-hlas ta' bilanc minn somma akbar dovuta ghall-bejgh ta' diversi oggetti ndikati fl-Avviz u l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-konsenja sa meta gie ntavolat l-istess Avviz . L-assocjazzjoni konvenuta llimitat ruhha li semplicement topponi t-talba minghajr ma tat fl-ebda stadju tal-proceduri r-ragunijiet taghha . Mill-kontro-ezami li sar lix-xhud Peter Paul

Portelli[1], li dakinhar li nxtraw dawn l-oggetti kien fil-kumitat tal-Gozo Football Association, jidher illi l-assocjazzjoni konvenuta ttentat tipprova illi l-pagament ma kienx dovut minnha imma mill-Gozo Football Club li kien kumitat separat minnha . Dan pero' ma giex ippruvat sodisfacentement . Anzi l-istess depozizzjoni ta' Peter Paul Portelli tindika illi ma kienx hemm ebda ammministrazzjoni separata u distinta ghal dan il-club u ghalhekk kienet proprju l-assocjazzjoni li kellha jaghmel tajjeb ghall-hlas . Infatti fi kliemu stess u fuq domanda specifika, sostna li l-hlas kien isir "*minn fond wiehed*".[2] Aktar minn hekk, hemm ukoll id-depozizzjoni ta' l-avukat dottor Mario Scerri li kkonferma illi l-ammont in kontestazzjoni kien ghadu kollu dovut[3] . F'tali cirkostanzi l-Qorti ma jibqaghlha ebda raguni ghaliex m'ghandiex tilqa' t-talba attrici kif ridotta . Billi l-parti l-kbira ta' l-ammont li ghadu dovut jirraprezenta imghaxijiet fuq l-ammont originarjament mitlub, m'ghandux ikun hemm hlas ta' imghaxijiet ulterjuri .

Ghal dawn il-motvi, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici kif redotta u tikkundanna lill-assocjazzjoni konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija hamsa u hamsin lira maltija u hamsin centezmu (Lm155.50) dovuta bhala bilanc mill-prezz ta' l-oggetti indikati fl-Avviz u interessi relattivi sad-data tal-prezentata ta' l-isetss Avviz .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-3 ta' Jannar 2000 kontra l-assocjazzjoni konvenuta .
s600Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] A fol. 13 - 15 tal-process .
[2] a fol.15 .
[3] Ara verbal tal-15 ta' April 2003 a fol. 29 .